

EUROPA TOURS

Fatima & Portugal’s Hidden Gems

GRUPP A • 12–17 TA’ MARZU 2027

Skopri l-qalb spiritwali ta’ Fátima u s-seħer tal-Portugall, bejn bliet storiċi, irħula pittoreski u veduti mill-isbaħ.

Il-Ġimgħa 12 ta’ Marzu – Nazaré u Fátima

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta **fit-08:00** għat-titjira diretta **FR9654** lejn Lisbona, li titlaq **fl-10:30**. Malli naslu, nitilqu bil-kowċ lejn **Nazaré**, lokalità mal-baħar magħrufa għat-tradizzjoni tas-sajd. Mill-**Miradouro do Suberco** ingawdu l-veduti fuq il-bajja u l-Oċean Atlantiku. Nimxu tul l-Avenida da República u jkollna ftit ħin liberu qabel inkomplu lejn **Fátima**. Sistemazzjoni fil-**Hotel Santa Maria 4★**, ftit passi mis-Santwarju. Wara **Dinner**, ninżlu mat-tour leader għar-Rużarju Internazzjonali.



NAZARÉ

Is-Sibt 13 ta’ Marzu – Fátima, Valinhos u Aljustrel

Wara l-buffet breakfast, naqbdu t-tourist train (extra) lejn **Valinhos** u **Aljustrel**, fejn nimmeditaw il-Via Crucis u nżuru d-djar ta’ Lúcia, Francisco u Jacinta. Inkomplu bil-kowċ lejn il-Knisja Parrokkjali tat-Tliet Rgħajja u nieqfu f’ċentru kummerċjali għal min jixtieq jixtri xi souvenirs. Lura f’Fátima, inżuru l-**Cova da Iria**, il-**Kappella tad-Dehriet** u l-**Bażilika tar-Rużarju**, fejn naraw l-oqbra tat-Tliet Rgħajja. Wara **Dinner**, ninżlu mat-tour leader għar-Rużarju.



PORTO

Il-Ħadd 14 ta’ Marzu – Porto

Nibdew iż-żjara f’**Porto** minn **Cais da Ribeira**, minn fejn nistgħu nagħmlu cruise fuq ix-xmara Douro (extra). Nitilgħu bil-**Funicular dos Guindais** (extra) lejn Batalha u ngawdu l-veduti fuq ix-xmara. Inkomplu bil-mixi lejn iż-żona tal-Katidral, l-Istazzjon ta’ São Bento, Praça da Liberdade, it-Torri ta’ Clérigos u Praça de Lisboa. Ikollna ħin liberu għall-ikel qabel nirritornaw lejn il-hotel f’Fátima. Wara **Dinner**, ninżlu ħdejn il-Kappella tad-Dehriet.

Fatima & Portugal’s Hidden Gems

12–17 TA’ MARZU 2027

It-Tnejn 15 ta’ Marzu – Coimbra u Aveiro

Wara l-buffet breakfast, nitilqu lejn **Coimbra**, fuq ix-xmara Mondego. Induru mat-tour leader fiż-żona tal-Università, Rua Ferreira Borges, il-Knisja ta’ Santa Cruz u x-xatt tax-xmara. Ikollna ħin liberu għall-ikel u biex nixtru prodotti tas-sufra. Inkomplu lejn **Aveiro**, fuq il-laguna Ria de Aveiro, magħrufa bħala “l-Venezja tal-Portugall”. Naraw il-binjiet Art Nouveau fiċ-ċentru u min jixtieq jista’ jdur mal-kanali fuq dgħajsa **moliceiro** (extra). Lura f’Fátima għad-**Dinner**, imbagħad ninżlu ħdejn il-Kappella tad-Dehriet.



AVEIRO

It-Tlieta 16 ta’ Marzu – Lisbona u Belém

Wara l-buffet breakfast, nitilqu għal ġurnata sħiħa f’**Lisbona**. Naraw Praça do Comércio, Rua Augusta, Praça Dom Pedro IV u Praça dos Restauradores. Waqt il-ħin liberu, min jixtieq jista’ jmur mat-tour leader lejn **Alfama** biex jara l-Knisja ta’ Sant’Antnin, mibnija fejn, skont it-tradizzjoni, twieled il-qaddis. Inkomplu bil-kowċ u naraw ukoll il-Pont Vasco da Gama. F’**Belém**, fuq ix-xmara Tagus, naraw it-Torri ta’ Belém u l-Monument tal-Iskoperti, **Padrão dos Descobrimentos**. Lura f’Fátima jkollna ftit ħin liberu. Wara **Dinner**, ninżlu mat-tour leader fil-pjazza tas-Santwarju u ħdejn il-Kappella tad-Dehriet.



BELÉM

L-Erbgħa 17 ta’ Marzu – Grutas da Moeda u Óbidos

Wara l-buffet breakfast, inħallu Fátima u nitilqu lejn il-**Grutas da Moeda**. Min jixtieq jista’ jżur l-għerien (extra) biex jara l-gallariji naturali u l-formazzjonijiet tal-blat. Inkomplu lejn **Óbidos**, raħal medjevali bis-swar, bi sqaqien dojoq u djar żgħar. Hawnhekk nistgħu nduqu x-xarba lokali f’tazza taċ-ċikkulata. Wara ftit ħin liberu, immorru l-ajruport ta’ Lisbona għat-titjira diretta **FR9655**, li titlaq **fis-19:35** u tasal Malta **fit-23:45**.



ÓBIDOS

Prezz Kull Persuna

Eskursjonijiet, Half Board u taxxi tal-ajruport inklużi

Kamra ta’ tliet persuni	**€885**
Kamra ta’ żewġ persuni	**€890**
Kamra ta’ persuna waħedha	**€980**
Tfal sa 11-il sena f’kamra ma’ żewġ adulti	**€770**

Il-prezz jinkludi

- Titjiriet diretti ma’ Malta Air
- Bagalja ta’ 20 kg u basket żgħir taħt is-seat
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- 5 iljieli fil-Hotel Santa Maria 4★ f’Fátima
- Buffet breakfast u Dinner kuljum matul is-soġġorn
- Taxxi tal-ajruport
- Tour leader Malti
- Insolvency protection

Il-prezz ma jinkludix

- City tax
- Entraturi u attivitajiet immarkati bħala extra, fosthom il-cruise, id-dgħajsa, it-tourist train u l-funikular.

Il-programm jista’ jinbidel xi ftit jekk jinqalgħu ċirkostanzi barra mill-kontroll tagħna.
Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.